

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Atlas Ġudizzjarju Ewropew Dwar Kwistjonijiet Ċivili](#) > [Notifika Ta' Dokumenti \(riformulazzjoni\)](#) > [Sweden](#)

## Notifika ta' dokumenti (riformulazzjoni)

Svezja



Svezja

### SIB QRATI/AWTORITAJIET KOMPETENTI

L-għodda ta' tiftix hawn taħt se tgħinek tidentifika qorti/qrati jew awtorità(jiet) kompetenti għal strument legali Ewropew speċifiku. Jekk jogħġbok innota li għalkemm sar kull sforz biex tiġi aċċertata l-preċiżjoni tar-riżultati, jista' jkun hemm xi każijiet eċċezzjonali li jikkonċernaw id-determinazzjoni ta' kompetenza li mhumiex neċessarjament koperti.

### L-Artikolu 3(1) – Aġenziji mittenti

Il-qrati, l-awtoritajiet ta' eżekuzzjoni u awtoritajiet Żvediżi oħrajn li jinnotifikaw dokumenti ġudizzjarji u ekstraġudizzjarji f'materji ċivili jew kummerċjali.

### L-Artikolu 3(2) – Aġenziji riċeventi

Il-Bord Amministrattiv tal-Kontea ta' Stokkolma (*Länsstyrelsen i Stockholms län*)

### L-Artikolu 3(4)(c) – Mezzi biex jirċievu d-dokumenti

L-ebda

### L-Artikolu 3(4)(d) – Lingwi li jistgħu jintużaw għall-mili tal-formola standard li tinsab fl-Anness I

Il-formola standard tista' timentela' bl-Iżvediż jew bl-Ingliż.

### L-Artikolu 4 – Korp ċentrali

Il-Bord Amministrattiv tal-Kontea ta' Stokkolma

### L-Artikolu 7 – Assistenza f'inkjesti dwar indirizzi

L-Artikolu 7(1)(c)

Jekk l-indirizz ta' persuna li għandha tiġi nnotifikata b'dokument ġudizzjarju jew ekstraġudizzjarju ma jkunx magħruf, l-Aġenzija tat-Taxxa Żvediża (*Skatteverket*) tgħin billi tipprovdi l-indirizzi ta' persuni fiżiċi, u l-Uffiċċju Żvediż għar-Reġistrazzjoni tal-Kumpaniji (*Bolagsverket*) jgħin billi jipprovdi l-indirizzi tal-kumpaniji. Ma hemm l-ebda proċedura formali partikolari biex jinkiseb l-aċċess għal din l-informazzjoni.

L-informazzjoni tista' tintalab mingħand l-Aġenzija tat-Taxxa Żvediża billi ċċempel lill-Aġenzija fuq +46 771-567567 jew billi tikklkja fuq il-link li ġejja: [Staqsì mistoqsija jew agħti risposta | Skatteverket](#). Il-link tiftaħ formola online li permezz tagħha tista' tistaqsi dwar xi indirizz. Tista' wkoll tibgħat il-mistoqsijiet tiegħek bil-posta fl-indirizz li ġej: Skatteverket, 205 30 Malmö, Sweden. Jekk tkun qed tibgħat il-mistoqsija bil-posta, tista' tuża l-formola B.

Tista' titlob informazzjoni mingħand l-Uffiċċju Żvediż għar-Reġistrazzjoni tal-Kumpaniji billi ċċempel lill-Uffiċċju fuq +46 771670670 jew billi tibgħat il-mistoqsija tiegħek b'email lil [bolagsverket@bolagsverket.se](mailto:bolagsverket@bolagsverket.se). Tista' wkoll tibgħat il-mistoqsijiet tiegħek bil-posta fl-indirizz li ġej: Bolagsverket, 851 81 Sundsvall, Sweden. Jekk tkun qed tibgħat il-mistoqsija bl-email jew bil-posta, tista' tuża l-formola B.

L-Artikolu 7(2)(c)

L-awtorità rikjesta tfittex l-indirizz il-ġdid tal-parti riċeventi fuq l-inizjattiva tagħha stess jekk il-parti riċeventi tkun telqet mill-indirizz mogħti fit-taħrika.

Indirizz ta' persuna fiżika/persuni fiżiċi:

L-Aġenzija tat-Taxxa Żvediża (*Skatteverket*)

<http://www.skatteverket.se/>

Tel.: +46 771-567567

Email: [Staqsì mistoqsija jew agħti risposta | Skatteverket](#).

Indirizz postali: Skatteverket, 205 30 Malmö

Indirizzi ta' kumpaniji:

L-Uffiċċju Żvediż għar-Reġistrazzjoni tal-Kumpaniji (*Bolagsverket*)

Tel.: +46 771 670 670

Email: [bolagsverket@bolagsverket.se](mailto:bolagsverket@bolagsverket.se)

Indirizz postali: Bolagsverket, 832 81 Sundsvall

Sit Web: [Paġna ewlenija - Sib informazzjoni dwar kumpanija \(bolagsverket.se\)](#)

L-Artikolu 8 - Trażmissjoni tad-dokumenti

L-lżvediz u l-Ingliż huma t-tnejn aċċettati fuq il-formola standard.

L-Artikolu 12 - Meta d-destinatarju jirrifjuta li jaċċetta dokument

Mhux applikabbli.

L-Artikolu 13 - Data tan-notifika

Mhux applikabbli.

L-Artikolu 14 - Ċertifikat tan-notifika u kopja tad-dokument notifikat

L-lżvediz u l-Ingliż huma t-tnejn aċċettati fuq iċ-ċertifikat ta' notifika.

L-Artikolu 15 - Spejjeż tan-notifika

Mhux applikabbli.

L-Artikolu 17 - Notifika minn aġenti diplomatiċi jew uffiċjali konsulari

Mhux applikabbli.

L-Artikolu 19 - Servizz elettroniku

Mhux applikabbli.

## L-Artikolu 20 – Notifika diretta

L-Awtorità tal-Pulizija Żvediża (*Polismyndigheten*) jew kumpanija tan-notifiki awtorizzata.

## L-Artikolu 22 – Meta l-konvenut ma jidhirx għall-proċedimenti

Mhux applikabbli.

## L-Artikolu 29 – Relazzjoni ma' ftehimiet jew arranġamenti bejn l-Istati Membri

Mhux applikabbli.

## L-Artikolu 33(2) – Notifika dwar l-użu bikri tas-sistema tal-IT deċentralizzata

Mhux applikabbli.

■ L-aħħar aġġornament: 22/09/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.